IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru15 (ħmistax) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it- 28 ta' Awwissu, 2025, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg |
| | Raymond Duncan |
| | Antonia Buttigieg |
| **Assenti b' Apologija** | |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**15.1. Item Nru 15.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

15.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.10pm u s-Segretarju qara l-ittra t'apoloġija tas-Sur Michael Mifsud.

Għalhekk sar qbil li jitniżżel skużat.

Is-Sindku qal li ser ngħaddu għal item 15.6.

**15.6 Item Nur. 15.6 fuq l-Aġenda – Rapport Finanzjarju tal-ewwwel kwart.**

15.6.1 Is-Sindku qal lill-Accountant is-Sur Karl Cutajar sabiex jippreżenta dan ir-rapport. Is Sur Cutajar spjega li l-posizzjoni tal-Kunsill tinsab miexja fit-triq it-tajba u għal dan il-kwart nistgħu inħabbru li sar surplus ta' €32K. Dan jaspira tajjeb għal ġejjieni.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR151510 – Malta
Tel: 2161532615
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Il-pass li jmiss sabiex inkomplu ntejbu l-FSI għandna nindividwaw spejjeż relatati mal-Kumpless Sportiv u bandli sabiexi mbgħad naqtgħuhom mil-grant li għada tidher mhux użata.

Wara din l-ispjega l-Kunsill approva dan ir-rapport.

**15.2 Item Nru. 15.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

15.2.1 Il-Minuti ittieħdu moqrija u kien hemm korrezzjoni waħda.
Minuta 14.3.1 tiżdied "Elementi Sajfin".

Wara din il-korrezzjoni il-Minuti ġew approvati unanimament.

**15.3 Item Nru. 15.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

15.3.1 Is-Sindku qal li dwar l-art tal-football il-Kunsill bgħat diversi email u pero ma rrispondewniex lura.

Dwar il-kumitat hemm protesta minn residenti li riedu jkunu membri però ħadd ma seta'. Il-President mexa illegallement għax ma tax widen ta' kif jinħatar il-kumitat il-ġdid.

Dwar il-pertizzjoni tkellem mal-Onor. Alison Zerafa Civelli u qallha li aħna rridu nkunu nafu dwar il-ħsieb li hemm u xi proposta hemm bħala proġett. Hu tkellem magħha wkoll dwar il-barranin li qed jgħixu fil-premises tan-nursery. Dawn għadhom hemm sal-ġurnata tal-lum.

Is-Sindku ta l-kelma lil Raymond Camilleri biex jispjega fuq is-sitazzjoni. Hu qal li l-President inbidel totalment minn meta ġie l-ewwel darba.

15.3.2 Is-Sindku tkellem fuq id-delagazzjonijiet li ser ikollna fil-bidu ta' Settembru. Huwa qal li dan ser ikunu Malta bejn it-2 u l-4 ta' Settembru u talab għal għajnuna mil-Kunsilliera sabiex jinvolvu ruħhom u jipparteċipaw fl-attivitajiet li jsiru.

Is-Sindku fakkar li dan huwa proġett tal-Ewropa li l-Kunsill tax-Xgħajra huwa partecipi fih. L-ispejjeż huma kollha iffinanzjati mil-proġett.

Is-Sur Attard spjega l-programm u qal li ser ikunu alloġġati fis-sensi Hotel wara li inġiebu quotations kienet l-irħas waħda. Imbgħad hemm il-package tal-ikel ukoll li sser ikun kollu minn għal legna.

Bħala partecipanti ser ikunu 21 mis-Slovenia u 21 minn l-Ungerija.

15.3.3 Is-Sindku qal li nitolbu laqgħa ma' Project Green dwar il-proġett tal-Fort Park sabiex naraw il-pjanti u nkunu nafu l-progress. Is-Sindku qal ukoll li l-Project Green ser ikunu qed iħallsu kont pendenti tal-Perit li jammonta 9k.

15.3.4 Is-Sindku qal li ir-railing tax-xatt wasal fl-aħħar fażi tiegħu u daqt ikun komplut jonqos l-aħħar biċċa ta' fejn il-latrina.

15.3.5 Is-Sur Attard ippropona li nduru l-ħajt ta' fejn il-monument kif ukoll ta' fejn il-latrina għaliex kollu qed ifarfar. Apparti hekk hemm ukoll il-ħajt ta' taħt Triq l-Awrat li għandna bżonn nirranġawh ukoll. Kulħadd qabel ma' din il-proposta u ix-xogħol ser isir fil-ġimgħat li ġejjin.

15.3.6 Is-Sindku qal li hemm fond ta' €5k mir-Reġjun li nistgħu nibbenefikaw minnu u intellgħu xi attivita f'Ottubru. Huwa tkellem diġa mal-iscouts u il-proposta hi li tittella' attivita għal-familja kollha għal nofs Ottubru. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

15.3.7 Is-Sindku tkellem fuq iċ-ċaqlieq tal-bankijiet u qal li biddilna l-post ta' 2 bankijiet s'issa u ser inkomplu nċaqalqu oħrajn fil-ġimgħat li ġejjin.

15.3.8 Is-Sindku qal li nhar il-15 ta' Settembru ser terga ssir mawra għal Kemmuna għar residenti u min jixtieq jista jinkiteb. Din l-attivita tkun *self substained.*

15.3.9 Is-Sindku qal li għandna bżonn madwar jarda konkos għal Sqaq ix-Xatt.

**15.4 Item Nru 15.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

15.4.1 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jekk id defibrillator issirlux maintenance fuqu. Is-Segretarju qallha li s-supplier kien qalilna li ser jieħu ħsieb hu però ser inkunu qed nikkuntattjawh biex naraw x'inhu jsiru dwaru.

15.4.2 Is-Sa. Doris Borg staqsiet dwar il-monument tal-Ħelsien u qalet jekk nafux min qalbu. Is-Sindku qallha li bil-cameras kien diffiċli għaliex ikun hemm il-karozzi u vannijiet quddiemu u ma jidherx. Imbghad qallha li ser nirrangwah fil-ġranet li ġejjin bil-ħaddiema assenjati.

15.4.3 Is-Sa Borg qalet li l-privat ser jibda minn Settembru.

15.4.4 Is-Sur Raymond Duncan staqsa jekk nistgħux nibdlu l-bandiera ta' mar-roundabout għaliex imqatta. Is-Segretarju Ezekuttiv qallu li kumbinazzjoni inbidlet il-ġurnata ta' qabel.

15.4.5 Is-Sur Duncan staqsa jekk ikollnix xi kumpensi oħra minn xi entitajiet oħra apparti l-allokazzjoni. Is-Segretarju qallu li apparti l-allokazzjoni jkollna dħul ieħor ta' 10k fis-sena mil-WSC dwar agreement biex jintefqu fil-komunità kif ukoll dħul minn skemi li joħorġu minn sena għal sena.

15.4.6 Is-Sa. Antonia Buttigieg qalet li għandna ħafna bozoz baxxi speċjalment fi Triq Karmelo Ritchie. Is-Sindku ippropona biex meta jinqatgħu nibdluhom għal bozoz LEDs. Kulħadd qabel.

15.4.7 Is-Sa. Buttigieg staqsiet għaliex il-kaxxi tal-parking ta' Triq il-Knisja ma sarux fejn kienu wara li għamlu t-triq u sinjali ġodda. Is-Sindku qallha li ser niċċekkjaw fuqha u filkas inżidu iktar.

15.4.8 Is-Sa. Buttigieg staqsiet meta nistgħu nagħmlu laqgħa ma ta Barkat. Is-Segretarju qallha li ser jerġa jitlob appuntmanet ieħor magħhom.

15.4.9 Is-Sur Duncan qal li missna nitolbu kumpens fuq il-kontijiet bħal ma jkollhom ta' Wied il-għajn minħabba l-impjant. Is-Sindku qal li ilna nitolbu u tiġi rifjutata. Issa hemm tmexxija differenti fl-operat u nerġgħu inkellmuhom.

15.4.10 Is-Sur Duncan qal li hemm ilment li fi Triq Frans Minuti hemm plot vojt u li qed jintrema ħafna skart illegali ġo fih.

15.4.11 Is-Sur Duncan qal li s-sotto bank tax-xatt jidher li qed jinzebaħ tajjeb.

15.4.12 Is-Sa. Buttigieg qalet li fi Triq il-Mulett hemm persuna li qed jaqla' l-bollard biex jipparkjaw.

15.4.15 Is-Sa.Buttigieg staqsiet fuq il-bankijiet ta' fejn l-istage meta ser isiru. Is-Sindku qallha li ser isir fil-ġimgħat li ġejjin.

15.4.16 Is-Sa. Buttiġieġ qalet li l-palm sar u ġie tajjeb ħafna.

**15.5 Item Nru. 15.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

15.5.1 Ma kienx hemm rapporti oħra

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR151510 – Malta
Tel: 2161532615
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGHAJRA

**15.7 Item Nru. 15.7 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

15.6.1 Ma kienx hemm xogħol ieħor.

**15.8 Item Nru. 15.8 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

15.8.1 Pagamenti b'numru 14 ġew approvati unanimament.

**15.9 Item Nru. 15.9 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet;**

15.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**15.10 Item Nru. 10. fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

15.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.10pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 29 ta' Settembru fl-5pm.

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |